**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 321/2017 RM**

**Emanuel sive Noel Ciantar**

**vs**

**The Ramblers Association of Malta**

**Illum, 26 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is- 26 ta' Ottubru 2017 fejn talab lil din il-Qorti jikkundanna lis-socjeta' konvenuta':

1. *Prevja d-dikjarazzjoni illi bhala awtur ta' diversi dikjarazzjonijiet formanti parti mill-ezercizzju tieghek ta' dritt ta' risposta taht il-Ligi ta' L-Istampa li gew pubblikati f'artikolu ppublikat f'The Malta Independent on Sunday tal-Hadd 30 ta' Ottubru 2016 intitolat "Fabrication against the Ramblers' Association" (kopja ta' l-artikolu hawn anness u mmarkat Dok.A), inti mmalafamajt u libellajt kif ser jigi ppruvat; u*

2. *Thallas lill-esponent dik is-somma li din il-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta joghgobha tiffissa bhala danni in riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra b'konsegwenza tal-pubblikazzjoni*

*tad-dikjarazzjonijiet fuq imsemmija, liema dikjarazzjonijiet kellhom l-ghan li jtellfu u jnaqqsu r-reputazzjoni, l-integrita' u l-unur tieghu.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-Assocjazzjoni konvenuta pprezentata fir-registru ta' din l-Qorti nhar l-14 ta' Marzu 2018 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *Illi fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija kolpita bil-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 32 tal-Kapitolu 248;*
2. *Illi fit-tieni lok, l-azzjoni attrici hija monka ghaliex ma giex specifikat b'liema mod l-artikolu in kwistjoni kien malafamanti u libelluz fir-rigward tal-attur;*
3. *Illi fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu in kwistjoni bla ebda mod ma kien malafamanti u libelluz u ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi b'digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-STO il-Prim'Imhallef, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti in atti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw illi ma ghandhomx iktar provi x'iressqu dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Assocjazzjoni konvenuta;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2019 u rat in-nota ta' osservazzjonijiet ipprezentata mill-Assocjazzjoni konvenuta fit-28 ta' Frar 2019 dwar l-imsemmija eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Assocjazzjoni konvenuta.

Ikkunsidrat;

L-Assocjazzjoni konvenuta, permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha, teccepixxi illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 32 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti tibda billi tosserva illi din l-azzjoni giet intavolata fis-26 ta' Ottubru 2017 skont kif jidher mir-rikors promotur a fol. 1 tal-atti, f'liema zmien kien ghadu in vigore l-Att dwar l-Istampa (Kapitilu 248 tal-Ligijiet ta' Malta). Bil-promulgazzjoni tal-Att XI tal-2018 li fit-18 ta' Mejju 2018, iddahhal fis-sehh l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta) biex jirregola *inter alia*, azzjonijiet civili dwar malafama li jigu introdotti wara d-dhul fis-sehh tal-istess Att. Madanakollu, il-legislatur ipprovda illi ghalkemm l-imsemmi Att dwar l-Istampa kien qed jigi mhassar b'effett immedjat, dan kellu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar[1].

L-Artikolu 32 tal-Att dwar l-Istampa jipprovdi illi:

**32.** *L-azzjoni kriminali għal kull reat taħt it-Taqsima II ta' dan l-Att u l-azzjoni ċivili taħt l-artikoli 28 u 29 jaqgħu bil-preskrizzjoni wara li tgħaddi sena.*

L-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa li huwa relevanti ghall-fini tal-azzjoni odjerna, jipprovdi hekk:-

**28.** *(1) Fil-każ ta' malafama, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3*[2]*, li l-għan tagħha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti ċivili kompetenti*

[1] Regolament 33 tal-Att XI tal-2018 u -Artikolu 25 tal-Kapitolu 579.

[2] **3.** **"***Ir-reati msemmija f'din it-Taqsima ta' dan l-Att isiru permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, ikun x'ikun il-post li minnu joriġina dak l-istampat, jew bil-mezz ta' xi xandir."*

*tista', minbarra d-danni li jistgħu jintalbu taħt xi liġi li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien dwar telf jew ħsara attwali, tagħti lill-persuna offiża somma ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*

Illi mill-fatti li johorogu mill-atti tal-kawza s'issa, jirrizulta s-segwenti:-

- L-Assocjazzjoni konvenuta ppublikat artikolu in linea ta' dritt ta' risposta taht il-Ligi tal-Istampa, fil-gurnal *The Malta Independent on Sunday* fil-harga tat-30 ta' Ottubru 2016, liema artikolu[3] l-attur jikkontendi illi huwa malafamanti u libelluz fil-konfront tieghu.

- Fis-26 ta' Ottubru 2017 l-attur ipprezenta r-rikors li bih giet intavolata l-azzjoni odjerna, fejn proprju jinvoka l-imsemmi Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa ghaliex jikkontendi li l-artikolu miktub mill-Assocjazzjoni konvenuta u ppublikat fil-gurnal fuq imsemmi, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu.

- Illi dan ir-rikors promotur u l-avviz tas-smigh tal-kawza gew eventwalment notifikati lill-Assocjazzjoni konvenuta permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skont l-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12, izda l-istess Assocjazzjoni tat ruhha b'notifikat billi pprezentat risposta kontenenti l-eccezzjonijiet taghha, fl-14 ta' Marzu 2018[4], cioe` qabel effettivament giet kompletata l-procedura shiha tan-notifika, billi l-affissjoni saret fl-20 ta' Marzu 2018[5].

Ikkunsidrat;

Matul it-trattazzjoni tal-eccezzjoni in dizamina waqt l-udjenza tat-22 ta' Jannar 2019, u fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-Assocjazzjoni konvenuta fissret illi

[3] Dok. A esebit mar-rikors promotur.
[4] Ara fol. 18.
[5] *Tergo* fol.21.

l-fondament tal-istess eccezzjoni jinsab fil-fatt illi l-Assocjazzjoni giet notifikata bid-domanda gudizzjarja aktar minn sena wara l-pubblikazzjoni tal-artikolu in dizamina. Il-konvenuta sottomettiet illi "*il-mera prezentazzjoni tat-talba gudizzjarja minghajr in-notifika taghha mhijiex bizzejjed sabiex tinkiser il-preskrizzjoni*". Din in-notifika, skont il-konvenuta, kellha ssir entro t-terminu ta' xahar mill-ahhar jum taz-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2130 tal-Kodici Civili, izda f'dan il-kaz in-notifika mhux talli ma saritx qabel ghadda x-xahar, talli saret ferm wara l-gheluq taz-zmien tal-preskrizzjoni stabbilit fl-Artikolu 32 tal-Kapitolu 248 u konsegwentement, skont il-konvenuta, il-perijodu ta' sena ghall-preskrizzjoni, ma giex interrott.

Ikkunsidrat;

Qabel xejn, il-Qorti tosserva li f'dan il-kaz huwa indiskuss illi z-zmien tal-preskrizzjoni tal-azzjoni civili ghal malafama jiskatta mid-data tal-pubblikazzjoni tal-artikolu allegatament libelluz u malafamanti. F'dan il-kaz il-Qorti mill-ewwel tosserva illi ma jirrizultax li hemm kawza li minhabba fiha z-zmien tal-preskrizzjoni ma bediex miexi, jew li kien hemm zmien li fih il-preskrizzjoni kienet sospiza skont ir-regoli generali tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2123 *et seq*. tal-Kodici Civili. Ghaldaqstant, iz-zmien tal-preskrizzjoni skatta mid-data tal-pubblikazzjoni cioe` fit-30 ta' Ottubru 2016.

Il-Qorti trid ghalhekk tikkonsidra jekk l-azzjoni attrici, ghalkemm bla dubju giet ipprezentata fit-terminu utili ta' sena fis-26 ta' Ottubru 2017, kisritx il-preskrizzjoni billi giet notifikata lill-Assocjazzjoni konvenuta wara li ghadda xahar mill-eghluq taz-zmien rikjest ghall-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2128 u 2130 tal-Kapitolu 16. Il-partijiet relevanti ta' dawn l-Artikoli jipprovdu hekk:-

**2128.** *Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju b'att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom.*

…

**2130.** *(1) Il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika tal-att ma ssirx qabel ma jagħlaq xahar li għandu jibda jgħodd mill-aħħar jum taż-żmien li hemm għall-preskrizzjoni.*

Ikkunsidrat;

Illi mill-ewwel ghandu jinghad li l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenuta li r-rekwizit taz-zmien li fih ghandha ssir in-notifika skont kif provdut fl-Artikolu 2128, huwa applikabbli wkoll b'mod generali, ghal domanda gudizzjarja. Il-Qorti tqis illi fil-kaz odjern, id-data li biha giet interrotta l-preskrizzjoni hija d-data tal-prezentata tar-Rikors promotur li beda l-azzjoni, cioe` l-prezentata tad-domanda gudizzjarja u dan **irrispettivament mill-fatt illi t-talba baqghet ma gietx notifikata lill-konvenuta entro xahar mill-ahhar jum taz-zmien tal-preskrizzjoni**. In-nuqqas ta' notifika entro xi zmien partikolari, fil-fehma tal-Qorti, ma twassalx biex ma tinkisirx il-preskrizzjoni izda tista', jekk jikkonkorru rekwiziti ohrajn, iwassal ghal effetti ohrajn fuq il-proceduri. Din il-konkluzjoni l-Qorti waslet ghaliha wara li ghamlet diversi konsiderazzjonijiet.

Fl-ewwel lok, jigi osservat illi d-distinzjoni bejn l-att gudizzjarju msemmi fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 2128, 2129 u 2130 tal-Kodici Civili, u d-domanda gudizzjarja msemmija fl-Artikolu 2131, hija evidenti. Huwa "*l-att gudizzjarju*" li jehtieg li jigi notifikat fi zmien xahar miz-zmien stabbilit ghall-preskrizzjoni biex jikser il-preskrizzjoni li tkun miexja, u mhux it-talba gudizzjarja.

L-Artikolu 2131 jipprovdi hekk fir-rigward ta' ksur tal-preskrizzjoni b'domanda ossia talba gudizzjarja:-

**2131.** *Il-preskrizzjoni tinkiser b'talba ġudizzjarja,* ***ukoll jekk din it-talba ma tkunx ġiet innotifikata lill-konvenut*** *minħabba li jkun nieqes minn Malta jew għal xi raġuni tajba oħra, basta li l-attur jissokta l-kawża kontra kuratur maħtur*

*mill-qorti, bil-mod li jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u jieħu sentenza fuq dik it-talba.*

Infatti, kif rikonoxxut anke mill-konvenuta, huwa pacifiku fil-gurisprudenza in materja illi din il-htiega ta' notifika fi zmien xahar, m'hijiex applikabbli meta l-azzjoni tkun giet effettivament istitwita b'domanda gudizzjarja[6]. Dan l-insenjament gie applikat kostantament mill-qrati taghna u hemm bosta sentenzi li jfissru d-distinzjoni bejn att gudizzjarju u domanda gudizzjarja ghall-fini ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni li tkun miexja: distinzjoni li del resto hija evidenti fil-ligi stess meta tittratta l-"*Ksur tal-preskrizzjoni ... b'att gudizzjarju*" u l-"*Ksur tal-preskrizzjoni b'domanda gudizzjarja*"[7] f'artikoli differenti u separati.

Il-Qorti tal-Appell, f'sentenza taghha tal-24 ta' Settembru 2004[8], affermat din id-distinzjoni u riteniet illi d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2130 tal-Kapitolu 16 ma japplikawx fil-kaz ta' att ta' citazzjoni[9]:-

*"Il-preskrizzjoni in kwistjoni giet interrotta appena saret it-talba gudizzjali ta' l-attur nomine bil-prezentata tac-citazzjoni odjerna. L-artikolu 2130 japplika meta si tratta ta' ittra ufficjali jew xi att gudizzjarju iehor skond l-artikolu 2128 tal-Kodici Civili li bih il-kreditur juri li bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu ta' azzjoni fil-konfront tad-debitur".*

Fil-kaz odjern, il-Qorti tqis li huwa ovvju illi l-attur m'huwiex qieghed javza lill-konvenuta li bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu ta' azzjoni kif jghid l-Artikolu 2128, **izda qieghed effettivament jezercita d-dritt tieghu ta' azzjoni bil-kawza li pprezenta entro t-terminu ta' sena li jissemma fl-Artikolu 32 tal-Kapitolu 248**.

---

[6] Ara f'dan is-sens **Dr. Edward Woods LL.D. vs David Jones et noe**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Marzu 1992.

[7] Noti marginali.

[8] Appell moghti fil-kawza msemmija *supra* **Dr. Edward Woods LL.D vs David Jones et noe**, fit-3 ta' Marzu 1995 Il-materja ta' ksur tal-preskrizzjoni tal-azzjoni mibdija taht l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-applikabbilita` o meno tal-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili ghat-talba gudizzjarja f'kawza bhal dik, giet deciza fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Dr. Sandra Caruana vs Joe Mifsud** (24 ta' Settembru 2004).

[9] Att li bih tinbeda kawza ossia proceduri fil-kontenzjuz, inkluz ghalhekk ir-Rikors promotur quddiem il-Qorti inferjuri u rikors guramentat quddiem il-qrati superjuri.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuta fissret it-tezi taghha ulterjorment meta fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, filwaqt li taccetta li huwa minnu illi l-ksur tal-preskrizzjoni huwa effikacji bil-prezentata tat-talba gudizzjarja anke jekk in-notifika ma ssirx entro l-perijodu msemmi mill-Artikolu 2130, tissottometti li dan **jghodd biss f'kaz illi n-nuqqas ta' notifika huwa dovut ghall-fatt li l-konvenut ikun nieqes minn Malta jew ghal xi raguni ohra tajba**. Skont il-konvenuta, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2128 *et seq.* u l-Artikolu 2131 mehudin flimkien, juru li r-rieda vera tal-legislatur hija illi ma jsehhx ksur tal-preskrizzjoni bis-semplici prezentata tal-azzjoni, jekk in-notifika ta' domanda gudizzjarja ma tkunx saret entro t-terminu ta' xahar mill-ahhar gurnata taz-zmien ghall-preskrizzjoni **ghal wahda minn dawn iz-zewg ragunijiet**. Fi kliem iehor, il-konvenuta tghid illi jekk ma jintweriex li l-konvenut huwa nieqes minn Malta, jew li hemm raguni tajba ghan-nuqqas ta' notifika, allura jsibu applikazzjoni d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2130 dwar il-htigijiet ghall-ksur tal-preskrizzjoni.

Izda l-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Huwa evidenti illi l-konvenuta qieghda mhux biss twarrab id-distinzjoni netta li ghamel il-legislatur bejn l-effett tal-att gudizzjarju u l-effett tad-domanda gudizzjarju, ghall-fini tal-ksur tal-preskrizzjoni, izda mhux qieghda tqis il-kuntest **shih** tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 2131. Dan ghaliex huwa manifest, fil-fehma tal-Qorti, illi dan il-provvediment huwa intiz sabiex jirregola dawk il-kazijiet fejn l-azzjoni kontra l-konvenut **ma tistax tissokta u l-attur ma jistax jiehu sentenza hlief bin-nomina tal-kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut**.

Effettivament, l-Artikolu 2131 jibda billi l-ewwel jenuncja r-regola generali illi l-preskrizzjoni tinkiser b'talba gudizzjarja, u mbaghad jghaddi biex ifisser x'irid isir biex jinkiser il-preskrizzjoni b'talba gudizzjarja **f'kazijiet fejn l-azzjoni**

**tista' tissokta biss kontra kuraturi deputati minhabba nuqqas ta' notifika dovut ghal zewg ragunijiet specifici**.

Huwa sinjifikanti in propositu, illi meta l-legislatur enuncja r-regola generali li l-preskrizzjoni tinkiser bil-prezentata tat-talba gudizzjarja, huwa ma ddispona bl-ebda mod dwar xi terminu li fih ghandha tigi notifikata dik it-talba biex isservi bhala ksur tal-preskrizzjoni, bhalma ghamel fil-kaz tal-att gudizzjarju, u mkien ma rrenda applikabbli ghat-talba gudizzjarja d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2128 *et seq*. ghall-effetti tad-domanda gudizzjarja fuq il-preskrizzjoni. *Ubi lex voluti dixit* u l-Qorti thoss illi galadarba l-legislatur ma pprovdiex espressament illi dik ir-regola tal-procedura[10] tghodd ukoll ghat-talba gudizzjarja bl-istess mod li tghodd ghall-att gudizzjarju, lanqas ma ghandha taghmel hija stess dan il-provvediment, *multo magis* meta hu maghruf li l-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku li ghandha tinghata tifsira litterali, cioe` ghandha tigi interpretata *'testis verbis".*

Mizmum ferm dak appena premess, il-Qorti tqis ukoll li huwa kompletament bla siwi l-argument tal-konvenuta illi fejn in-notifika ma ssirx ghal wahda mir-ragunijiet imsemmija espressament mill-Artikolu 2131, allura japplikaw *a contrariu sensu* d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2128. Dan il-principju wara kollox huwa dijametrikament oppost ghall-principju *ubi lex voluti dixit,* u l-Qorti ma taccettax illi tigi applikata *a contrariu sensu* regola ta' procedura applikabbli espressament ghal xorta ta' att gudizzjarju meta ma saret mil-legislatur **ebda referenza ghal jew rabta kwalsiasi ma' att gudizzjarju li ghandu mira ghal kollox differenti**. Wara kollox, il-legislatur kien car meta ried illi n-nuqqas ta' notifika jkollu effetti specifici fuq l-azzjoni u dan per ezempju fil-kaz tal-istitut tad-dezerzjoni[11].

[10] Vol. XLIX . I. p.421
[11] Ara Artikolu 963(3) tal-Kap. 12.

Maghdud dan, il-Qorti tqis li huwa evidenti illi t-tkomplija tal-azzjoni kontra kuraturi, kif imsemmi fl-Artikolu 2131, hija rikjesta **biss f'kazijiet fejn in-notifika ma saritx minhabba li jehtieg il-hatra ta' kuraturi** - jew ghaliex il-konvenut ikun nieqes minn Malta jew ghal raguni ohra tajba sabiex issir il-hatra ta' kuraturi, fosthom ir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikolu 929 tal-Kapitolu 12 - u **mhux** minhabba illi l-konvenut dam biex jigi notifikat ghax per ezempju ma kienx immedjatament maghruf l-indirizz tieghu. Fi kliem iehor, il-legislatur irid ifisser illi biex il-prezentata ta' domanda gudizzjarja tkun effikacji ghall-ksur tal-preskrizzjoni f'kaz fejn in-notifika **ma tistax issir**, jenhtieg li jigu nominati kuraturi deputati biex l-azzjoni titkompla u tinghata sentenza fil-kawza. Jekk dan ma jsirx, allura l-preskrizzjoni ma titqiesx li tinkiser bit-talba gudizzjarja. Fil-fehma tal-Qorti dan juri kemm effettivament il-legislatur ried jassigura li l-effett tat-talba gudizzjarja jkun li jikser il-preskrizzjoni f'kull kaz, mhux biss fejn il-konvenut idum ma jigi notifikat bit-talba gudizzjarja izda wkoll sahanistra fejn il-konvenut ma jistax jigi notifikat tant illi sabiex titkompla l-azzjoni jkun jenhtieg in-nomina ta' kuratur deputat mahtur biex jirrapprezenta lill-konvenut.

Il-korollarju inevitabbli ta' dan huwa illi l-ksur tal-preskrizzjoni hija r-regola u mhux, kif tikkontendi l-konvenuta, l-eccezzjoni, tant illi l-uniku ipotesi fejn qed jigi koncess illi l-preskrizzjoni ma tinkisirx bil-prezentata tad-domanda gudizzjarja huwa ghalkemm hemm raguni tajba biex jinhatar kuratur skont kif provdut fil-Kapitolu 12[12], dan ma jigix mahtur sabiex tinghata s-sentenza fil-kawza.

Biex il-Qorti taccetta l-interpretazzjoni li trid il-konvenuta, trid taccetta wkoll illi l-kawzi kollha fejn il-konvenut ma jigix notifikat bit-talba gudizzjarja entro xahar mill-ahhar gurnata tal-preskrizzjoni, ghaliex per ezempju, in-notifika trid issir bil-mezz tal-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni skont l-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12, ghandhom jitqiesu li huma preskritti. Jekk dan huwa l-kaz, id-

---

[12] Fost dawn ir-ragunijiet hemm dawk indikati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 929 tal-Kapitolu 12 u n-nuqqas tal-prezenza tal-konvenut f'Malta.

distinzjoni li kjarament saret mil-legislatur bejn l-att u d-domanda gudizzjali in materja tal-ksur tal-preskrizzjoni, tigi reza superfluwa.

Ikkunsidrat ulterjorment;

F’kull kaz, u minghajr qies tal-konsiderazzjonijiet appena maghmula, il-Qorti tqis illi f’dan il-kaz ma kien hemm ebda nuqqas ta’ notifika li minhabba fih kien jehtieg il-hatra ta’ kuraturi ghat-tkomplija tal-azzjoni, u konformement, it-tieni parti mid-dispost tal-Artikolu 2131 ma ssibx applikazzjoni fil-kaz odjern. Minflok, issib applikazzjoni l-ewwel parti tal-istess Artikolu b’dan illi l-preskrizzjoni ghandha titqies li nkisret bit-talba gudizzjarja pprezentata mill-attur qabel l-eghluq taz-zmien tal-preskrizzjoni applikabbli f’dan il-kaz.

Ghaldaqstant, il-Qorti ssib li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut mhijiex siewja u l-azzjoni attrici mhjiex preskritta skont l-Artikolu 32 tal-Kapitou 248 tal-ligijiet ta’ Malta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Assocjazzjoni konvenuta a tenur tal-Artikolu 32 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez ta’ dan l-episodju thallashom l-istess Assocjazzjoni konvenuta.

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**